# FESTA

# SAN GUZEPP

10 - 20 ta' Lulju

1975

MSIDA

HAJR 'CATHEDRAL LIBRARY' SLIEMA



PROGRAMM

*From NOW! ....*

SPECIAL TRADE FAIR OFFERS

1) FREE RADIO or OTHER EQUIVALENT GIFTS

*with the purchase of*

a **SIEMENS** TELEVISION or a

Two-door **FRIDGE** or a **WASHING MACHINE**

2) A SET of 6 DECORATED GLASSES

*with the purchase of*

**Every Household Item costing over £M30**



**APLAN**

Msida Seafront
Msida Tel. 38434/36556
Testaferrata Street,
Msida Tel. 38434/36556

St. Paul Street,
Cospicua Tel. 24535
44 St. Bartholomeo Street,
Qormi. Tel 28366



**SELLMU U BIERKU, MISIDJANI,**
**LIL GUZEPPI MISSIER TAGHNA:**
**KOLLU S-SEMA U KULL NISRANI**
**F'DAN IL-KANT JISSIEHEB MAGHNA!**

# ENKA

Sponge Cloth, Floor Cloth,
Household Cloth, Sponges,
Car Chamois Leather

SOLE AGENT:

## EMMANUEL CASSAR

'Emmglad' Valley Road, MSIDA

TEL: 43477



SER TIZZEWWEG?

SER TAGHMEL XI PARTY?

SER TORGANIZZA XI DINNER DANCE?

## HARMONIC SOUND MUSICAL QUARTET

Il-Quartet Muzikali Misidjan li jaqdik
ghal kwalunkwe okkazzjoni muzikali
Bi prezzijiet moderati

Ghal kull taghrif, irrikorru ghand:

## B. GRIMA

4, St. John Flats, Sawmill Street, Msida

TEL: 30742

U TOHORGU SODISFATTI ZGUR!

# MESSAGGI

## MILL-W. R. KAPPILLAN

**MISIDJANI:** Matul is-sena, kemm-il darba, intom urejtu d-devozjoni taghkom lejn S. Guzepp, billi ersaqtu numeruzi ghas-Sagramenti Mqaddsa, hadtu sehem bl-akbar ghadd fil-Funzjonijiet; bl-akbar generosita' ikkontribwejtu biex il-Knisja tkun tista' tlahhaq ma' l-attivitajiet spiritwali taghha; u kull min ikun prezenti, jara l-ghadd sabih ta' dawk li jersqu ghat-Tqarbin Imqaddes. Issa li waslet il-festa, mas-sehem taghkom fil-Funzjonijiet religjuzi, mas-Sagramenti li zgur tircievu, uru, b-imhabba sinciera u b-entusjasmu ferriehi ,kif il-Parrocca ta' l-Imsida tghozz ix-xorti li ghandna, li jkollna Patrun hekk kbir: il-mahbub taghna, S. Guzepp

## MILL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA

**MISIDJANI:** Il-Mant celesti se jerga' jinfirex fil-Knisja Parrokkjali taghna, u minn tahtu, S. Guzepp taghna jerga' jitfa' il-harsa tieghu ta' missier fuq uliedu l-Misidjani kollha - "kollha" ghax ahna lkoll uliedu u ghalhekk nittamaw li "ilkoll" niltaqghu flimkien, marbutin b'imhabba ta' ahwa madwar missierhom, f'dawn il-jiem ta' festa ghalina; u ntuh rigal lil missier taghna S. Guzepp billi jarana maghqudin ma' Ibnu li tant ihobb - Gesu' bi qrara u tqarbina ahjar minn tas-soltu - ahjar ghax mimlija b'iktar imhabba.

## MILL-KUMITAT TAL-FESTA 1975

**MISIDJANI:** Ix-xoghol u s-Sagrificcji li naghmlu flimkien nsibu s-sodisfazzjon taghhom f'dawn il-jiem ta' festa ghalina il-Misidjani. Ahna il dejjem tlabna minn ghandkom kull ghajnuna specjalment finanzjarja, ma nisthux ma nressqux ir-ringrazzjamenti taghna lilkom. Ejjew nifirhu flimkien. Din hija l-festa ta' kull wiehed minna. Din hija il-festa ta' kullhadd. U meta, fl-gheluq tal-festa nkunu imdawwrin mal-istatwa ghaziza tal-Patrun taghna San Guzepp, ejjew lkoll kemm ahna ninghaqdu f'dimostrazzjoni ta' ferh, mhabba, u paci li zammet lilna l-misidjani dejjem magqhuda flimkien.

---

Id-Ditta li qeghda tisuplixxi l-materjal biex tigi rrangata l-koppla ta' l-knisja ta' l-Imsida toffri Zebgha Reebdeck li hija 'Permanent Heavy Duty Roofing Compound' kif ukoll 'Wetexi,' materjal iehor ecellenti biex jnehhi il-porozita' tal-gebla Maltija.

GHALHEKK IXTRU DEJJEM MINN:

**THE GENERAL TRADING COMPANY LIMITED**

303, Trieq Ir-Repubblika Valletta Malta.
FUQ WEMBLEY STORES
TEL: 26631 - 25148

**Itla' fl-Ewwel Sular u ssib kulma trid ghall-gnien.**

# THE FALCON FORGE

Ghal kull xoghlijiet ta' ferrobattuto, twieqi tal-hadid iggalvanizzati hadid ghat-tarag, hadid biex iddawwar il-gonna, ejja ghandna u zgur li tohrog sodisfatt.

**Assortiment Kbir ta' Disinji u Qisien,**

**Ipprovduti Flimkien ma' Xoghol Tajjeb u Malajr**

Irrikorru:

**THE FALCON FORGE,**

PROP. JOE LAUTIER

TOWER STREET, I-IMSIDA

TEL. 42099

# DANUSA

*Europe's leading Cosmetics Preparations*

**Body**

*Deodorant Dermotalcum*
*Deodorant Invisible Spray*
*Deodorant Invisible Stick*
*Blue Bubble Bath*
*Body Moisterizer*
*Fluid Depilatory*

**Face**

*Cleansing Milks*
*Face Moisterizer*
*Dew Tonic Spray & Liquid*
*Nourishing Cream in tubes and jars*

**Hair** *Shampoos*

and particularly the QUICK DRY Spray Shampoo

**Sole Agents:**

## JOSEPH CASSAR LTD.

**207/208 Old Bakery Street, Valletta.**

## IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA

Dun Anton Caruana.
Dun Guzepp Mifsud.
Dun Charles Abela.
S-Sur John Sapiano.
S-Sur Lino Bartolo.

## KUMITAT FESTA ESTERNA SAN GUZEPP 1975

**President:** S-Sur Carmel Taliana.
**Segretarju:** Rev. Fr. Charles Abela
**Kaxxier:** s-Sur Lino Bartolo.
**Vici President:** s-Sur Emm. Mifsud.
**Rapprezentant tal-Banda Melita:** s-Sur Emm. Mifsud.
**Membri:** s-Sur Victor Camilleri, s-sur John Farrugia, s-sur Emm. Grima s-sur Anton Ágius,

**Kumitat tas-Sezzjoni naha ta' Barra:** S-Sur Victor Cammilleri (Leader), membri: s-sinjuri: A. Agius, Charles Sghendo, Joe Farrugia, Edward Zammit, Tony Grima, Joe Tedesco.

**Kumitat tas-sezzjoni naha ta' Gewwa:** S-Sur Emm. Grima (leader) membri: s-sinjuri Sunny Pace, Frans Sammut, John Abela, Charles Zammit.

**Kumitat tas-sezzjoni naha ta' l-Ursolini:** s-sur John Farrugia (leader), membri: s-sinjuri Salvu Mifsud, Joseph Mifsud, Paul Tabone, Marlene Bajada, Concetta Mifsud, u Mary Germani.

## KUMMISSJONI "FUND RAISING" KOPPLA.

Chairman s-Sur Paul Portelli, s-sur Carmel Lanzon Segretarju, s-sur Emm. Mifsud Kaxxier, membri Rev. Charles Abela, s-sinjorina Zammit Gallo, u s-sur Lino Bartolo.

---


**Jekk trid izzejjen darek b'kolonni jixeghlu jew lampi u vazuni ta' l-alabas ru Spanjol, linef "Strass" ta' l-Awstrija, brazzi moderni, kif ukoll arloggi tal-hajt u arloggi ta' l-art ta' barra,**

mur s'ghand

# TACSUM

L-IMSIDA (hdejn l-Orsolini) jew B'KARA

**fejn issib ukoll oggetti ta' rigali tassew originali**

Tinsewx Tacsum

QRAJTEN STR, MSIDA,

jew B'Kara hdejn it-traffic lights


---

ID-DITTA

MEDAIRCO

Specjalisti f'xoghol ta' Airconditioning

ID-DITTA

MEDAIRCO

Kuntratturi ta' bini u xoghol konness

ID-DITTA

MEDAIRCO

tixtieq lil kulhadd il-festa t-tajba

ID-DITTA

MEDAIRCO

*ta' "Panta House" Triq il-Wied*

*Msida.* *Tel: 41361*

# OPRI GODDA MATUL DIN S-SENA

1. Argentatura ta' tnax il-Kandlier u Salib, rigal moghti lill-knisja minn benefattur.
2. Xoghol ta' restawr ta' l-koppla minn barra, flimkien ma installazzjoni ta' dawl ghal koppla B'hekk jinghalaq l-ewwel fazi ta' l-progett.
3. Ktieb gdid ghal-Kant liturgiku biex jintuza waqt il-funzjonijiet.
4. Pjaneta gotika tal"lama" gdida, rigal tas-Sinjorina Joe Roebuck.
5. Hjata ta' zewg pavaljuni tad-Damask ghal-Kappelluni tar-Ruzarju u tad-Duluri.
6. Sett fjuretti ghas-Sekondi Festi.
7. Zewg fjuretti tal-Granutell ghal-fuq il-gradenzini.
8. Argentatura ta' erba' lampieri u zewg akkolti.
9. Terha tal-bellus ghal artal ta' Santa Tereza, rigal tal-Familja Mifsud.
10 Erba' bandalori ghal fuq iz-zuntier xoghol d-dilettanti tan-naha ta' barra.
11 Sett ta' 9 pavaljuni ghan-naha ta' l-Ursolini, xoghol d-dilettanti ta' l-istess naha.

**TAJJEB LI TKUN TAF:**

A. Il-pittura ta' l-Via Sagra hija kollha lesta:

B. Qeghdin nipprezentaw l-abbozzi ta' l-brazzi ghal-Via Sagra disinn tas-surmast Guze Galea.

C. Nisperaw li nibdew x-xoghol fuq l-artal tad-Duluri dalwaqt u l-abbozzi tal-pittura li ser titpogga hdejn l-artal tad-Duluri ser ikunu ghal-wiri matul il-granet tal-Festa. Dawn saru mill-pittur Pawlu Camilleri Cauchi

**Nirringrazzjaw lil benefatturi u lil Misidjani kollha li ghenuna biex dawn l-opri setghu jsiru.**

---


AGHZEL IL-KULURI LI TIXTIEQ

ZEBGHA CARSONS

Varjeta' bla tarf ta' kuluri bil-magna specjali SPECTROMATIC

Taghzel il-kulur int - Naghmluhulek AHNA

CENTRU ZEBGHA CARSONS, 44, Ix-Xatt tax-Xbiex, Msida Tel. 33479


---

BAJADA WOODWORKS LIMITED
Tower Street, Msida Malta

*Manufacturers of all Kinds of Woodwork*

TOWER STREET, MSIDA.
TEL: 31005 - 45085

BAJADA WOODWORKS
OVERSEAS LIMITED

*Joinery Works And Furniture*

TOWER STREET, MSIDA, MALTA.
TEL: 31004 - 45085

Cables: BAJAWOOD MALTA Telex: MW 374 MALTA

# PROGRAMM

Il-Ħamis 10 ta' Lulju :

**JUM DEDIKAT LIT-TFAL**

6.30 p.m. Quddiesa Soċjali bl-Omelija għat-tfal kollha mil-Kanonku Dun Joe Bugeja. Waqt l-offertorju t-tfal jgħamlu l-offerta tagħhom għat-tfal fil-bżonn. Fl-aħħar tal-Quddiesa Innu Popolari. Jkanta l-Kor tal-Abbatini tal-Parroċċa.

Il-Ġimgħa 11 ta' Lulju :

9.00 p.m. Siegħa Adorazzjoni organizzata mill-Azzjoni Kattolika biex jinkiseb ġid spiritwali kbir mill-festa ta' din is-sena.

**JUM DEDIKAT LIZ-ZGHAZAGH**

6.30 p.m. Quddiesa Soċjali bl-Omelija għaż-Żgħażagħ tal-Parrocca minn W. R. Kan. Dun Victor Cilia, B.A., Lic. D., Kappillan ta' Bormla. Waqt l-offertorju iż-żgħażagħ jagħmlu l-offerta tagħhom għaż-żgħażagħ inkapaċitati. Innu popolari.
Ikanta l-kor taż-żgħażagħ flimkien mal-grupp tal-kitarri tal-parroċċa.


# PATRICK'S

WOODWORKS

49A, BORDIN STR., MSIDA.

Tel: 75/6941

SHOWROOM AT:-

22, BORDIN STREET, MSIDA.

## Ghad-DAR MODERNA

# GHAMARA INVICTA

* Kmamar tas-sodda illustrati
* Kammar tal-ikel
* Imwejjed u siggijiet
* Salotti
* Spare bedrooms
* Cupboards tal-kcejjen

Manifatturi wkoll ta':—

**SIGGIJIET TAT-TFAL; IRONING-BOARDS; STEP-STOOLS; SHOPPING CARRIERS; BABY COTS; BABY HIGH CHAIRS; SLIELEM FORCI**

Ufficcju u Workshop.—

**Misrah il-Barrieri — Msida**

Showrooms:

**Marina Street — Pieta'**
**The Strand — Sliema**
**Valletta Road — Mosta**
**Paola Square — Paola**
**Tel: 26651 — 75/6440 — 75/6593.**

**INVICTA L-AQWA GHAMARA MALTIJA**

Is-Sibt 12 ta' Lulju :

**JUM DEDIKAT LILL-MIŻŻEWĠIN**

6.30 p.m. Quddiesa Soċjali għall-Miżżewġin tal-Parroċċa mill-W.R. Mons. Profs. Carmelo Muscat S.Th.D., J.U.D., B,A, Waqt l-offertorju, il-miżżewġin jagħmlu l-offerta tagħhom li tingħata lix-xjuħ. Innu popolari.

Jkanta l-Kor Parrokkjali.

7.00 p.m. Fiera Kbira quddiem il-Knisja u Ġostra fid-dawl tal-Floodlights.

Il-Ħadd 13 ta' Lulju :

**JUM L-IMSIDA: dedikat lill-benefatturi Ħajjin**

9.00 a.m. L-ewwel quddiesa Solenni tan-Novell Saċerdot Dun Franz Zammit, Sależjan.

6.00 p.m. Quddiesa Solenni minn Mons. Profs. Arturo Bonnici, li fiha jieħdu sehem l-għaqdiet kollha tal-Parroċċa.

6.30 p.m. Fiera Kbira quddiem il-knisja.

7.15 p.m. Ħruġ Solenni ta' l-istatwa ta' San Ġużepp fuq z-zuntier. Diskors u Preżentazzjoni ta' bukkett fjuri f'isem l-għaqdiet kollha tal-parroċċa.

It-Tnejn 14 ta' Lulju :

**INTENZJONI: Jum Dedikat lill-Misidjani Mejtin**

6.30 p.m. Quddiesa Solenni bil-Mużika għar-ruħ il-Misidjani mejtin kollha. Jqaddes il-Wisq. Rev. Kappillan Dun Anton Pace.

---


# CAROUSEL

IMPORTERS OF TOYS, STATIONERY
AND UNDERWATER EQUIPMENT

**19, Ta' Xbiex Sea Front,**
**Msida**

**Tel. 32992**

(Kantuniera boghod mill-Knisja)

FEJN ISSIBU:

**VARJETA TA' AFFARIJIET GHALL-BAHAR, BHAL MA HUMA:**
**DINGIES, FLIPPERS, SNORKLES, AIRBEDS, MASKLI, ETC.**

It-Tlieta 15 ta' Lulju:

**INTENZJONI: Jum dedikat lill-Vokazzjonijiet**

6.00 p.m. Ċelebrazzjoni Ewkaristika li fiha ssir il-Konsagrazzjoni Solenni tal-Abbatini lil Qalb ta' Ġesù.

6.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata, li fiha ssir l-X Vestizzjoni Solenni tal-Abbatini li jagħmlu s-servizz liturġiku fil-Parroċċa. Iqaddes il-W.R. Kappillan, Dun Anton Pace, flimkien ma' xi Diretturi tal-Abbatini.

L-Erbgħa 16 ta' Lulju:

**INTENZJONI: Jum Dedikat lis-Sorijiet**

6.30 p.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-Ill.mu u Rev.mu Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju tas-Sorijiet. bl-Omelija fuq San Ġużepp mill-W.R. Dun Joe Carabott, kappillan ta' Wied il-Għajn.
Kurunella, Innu, Antifona, ċelebrazzjoni Ewkaristika, u Innu Popolari.

Il-Ħamis 17 ta' Lulju:

**INTENZJONI: Jum Dedikat lis-Saċerdoti**

6.30 p.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-Ill.mu u Rev.mu Mons. Salv. Grima, Direttur tad-Dar "Christus Sacerdos". Omelija mill-W.R. Dun Joe Carabott, Kappillan ta' Wied il-Għajn. Kurunella, Innu, Antifona, ċelebrazzjoni Ewkaristika u Innu Popolari.

Il-Ġimgħa 18 ta' Lulju:

**INTENZJONI: Jum Dedikat lill-Morda**

6.30 p.m. Quddiesa Solenni konċelebrata mill-Illmu. u Rev.mu Mons. Anton Cilia flimkien mal-kappillani ta' l-isptarijiet. Omelija mill-W.R. Dun Joe Carabott, Kappillan ta' Wied il-Għajn. Kurunella, Innu, Antifona, ċelebrazzjoni Ewkaristika, u Innu Popolari.
F'din il-funzjoni jieħdu sehem il-morda tal-parroċċa — organizzazzjoni tal-Azzjoni Kattolika flimkien mal-Kummissjoni Amministrattiva.

8.30 p.m. Mixgħela Ġenerali.
Marċ tradizzjonali u brijuż mill-Banda "Melita" ta' l-Imsida, li jibda minn quddiem il-knisja u jgħaddi minn dawn it-toroq: — Ix-xatt ta' tax-Xbiex, Antonio Sciortino, Knisja, Mons. D'Andria, Ġdida, D'Argens, Kunċizzjoni, il-Wied, u jispiċċa fi pjazza Palma.

Is-Sibt 19 ta' Lulju:

**Lejliet il-Festa.**

8.00 a.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-Wisq Rev. Kappillan, Te Deum u Antifona.

4.30 p.m. Ikun hawn konfessuri barranin għall-qrar.

6.00 p.m. Transulazzjoni Solenni tar-Relikwija u għasar pontifikali mill-Ill.mu. u Rev.mu Mons. Carmelo Scicluna, Vigarju Kurat tal-Knisja Kattedrali ta' Għawdex.

7.00 p.m. Quddiesa konċelebrata Solenni minn novel Saċerdot Misidjan. Dun France Zammit, Sależjan, flimkien mal-Komunita' tiegħu u qassisin Misidjani.

6.30 p.m. Marċ mill-banda "Our Lady of Consolation" tal-Gudja li jgħaddi minn dawn it-toroq : — Ix-Xatt ta' l-Imsida. l-Wied, Kunċizzjoni, u Pjazza Palma.

8.00 p.m. Lejla ta' Talent Misidjan fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali.

8.00 p.m. Marċ mill-istess Banda li jgħaddi minn dawn it-toroq — Sawmill, D'Argens, Sant' Antnin, San Alwiġi, l-Isqof Caruana. Wara jerġa jibda minn triq Sawmill, Antonio Bosio, Knisja, Mons. Dandria, ix-xatt ta' tax-Xbiex u jispiċċa quddiem il-Knisja.

8.30 p.m. Marċ mill-banda Melita ta' l-Imsida, li jibda minn ħdejn l-iskola tal-Catering u jgħaddi minn dawn it-toroq — Qrajten, Clarence, Sorijiet Ursolini, Bordin, Misraħ il-Barrieri, Baċir, Vjal San Ġużepp għall-Knisja fejn il-banda tesegwixxi programm vokali u strumentali taħt it-tmexxija tas-Surmast Philip Gatt, F.L.C.M., A.R.C.M.

10.30 p.m. Logħob tan-nar kbir maħdum mid-dilettanti tal-każin ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ. Wara, Kaxxa nfernali.

Il-Ħadd 20 ta' Lulju :

**JUM IL-FESTA**

5.00 a.m. Quddiesa bid-Djaknu u lettur.

6.00 a.m. Quddiesa mill-W.R. Dun Ġużepp Mifsud Bonnici Kappillan tal-Ħamrun, Parroċċa tal-Kunċizzjoni.

7.00 a.m. Quddiesa bit-tqarbina Ġenerali mill-Ill.mu. u Rev.mu Mons. Ignatius Sciberras Psaila, Prepositu ta' Birkirkara.

8.00 a.m. Quddiesa Folk għaż-żgħażagħ tal-Parroċċa mill-W.R. Patri Viċenz Portelli O.P., Kappillan ta' Gwardamanġa.

9.00 a.m. Quddiesa Solenni konċelebrata mill-Ill.mu. u Rev.mu. Mons. Carmelo Scicluna. Wara l-Vanġelu jinseġ il-Paniġirku il-Wisq Rev. Dun Alfred Xuereb, kappillan ta' Ħal Lija.

11.00 a.m. Quddiesa mill-Wsiq. Rev. Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, kappillan tal-Ħamrun, parroċċa tal-Kunċizzjoni.



# QUEEN ANNE

## FURNITURE

**Prop. JOE MIFSUD & TONY MIZZI**

91, VALLEY ROAD, MSIDA

Ghal Settijiet tas-Sodda, tal-Pranzu,
Salotti u Kitchen Cupboards

| | |
|---|---|
| 12.00 a.m. | Quddiesa mill-Wisq Rev. Patri Franġisk Grech O. Carm. ,Kappillan ta' Santa Venera. |
| 6.00 p.m. | Għasar solenni mill-Ill.mu u Rev.mu. Mons. Carmelo Scicluna. |
| 7.00 p.m. | Purċissjoni bl-istatwa artistika ta' San Ġużepp. Wara, Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika. |
| 5.00 p.m. | Tibda l-popolari Ġostra. |
| 6.00 p.m. | Il-Banda "Our Lady of Consolation" tal-Gudja tagħmel marċ li jibda minn ħdejn in-niċċa tad-Duluri u jgħaddi minn dawn it-toroq : Marina, telgħa ta' G'manġa, Sorijiet Ursolini, Clarence, Baċir u Vjal San Ġużepp. Wara, takkompanja l-purċissjoni b'marċi ferrieħa. |
| 6.00 p.m. | Il-Banda "Konti Ruġġieru' tar-Rabat tagħmel marċ li jgħaddi minn dawn it-toroq : — San Alwiġi, Kunċizzjoni, ix-Xatt ta' tax-Xbiex, Parroċċa, Knisja, Giacchino Navarro u x-Xatt ta' tax-Xbiex. Wara il-banda tagħmel Programm quddiem il-knisja taħt it-tmexxija tas-surmast Joe Vella B.Mus., F.L.C.M. |

Il-kant fil-jiem tat-tħejjija jsir mill-kor parrokkjali taħt it-tmexxija tas-Surmast Carmelo Zammit.

Il-Mużika tat-Tridu u ta' lejliet u nhar il-festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast Ġużeppi Camilleri.

IT'S A REAL

Discounts Are Few But prices Are Good

AT

# Wonderland

The shop near the church to

Find Wide Variety of Children's, and Ladies Wear,

Stationery, Sweets and Toys to suit all types of pockets.

WONDERLAND

1. PARISH STREET MSIDA

# Blokrete

## BUILDING CONTRACTORS

Manufacturers of:

All kinds of hollow Concrete Blocks
OMNIA Roof Planks & Roof Blocks
Decorative Screen Blocks, and
suppliers of sand & aggregate

## BLOKRETE LIMITED

MOSTA ROAD, LIJA.

TELEPHONE: K. 41850

**Tajjeb li tkun taf:**

Li l-Misidjani kollha huma mħeġġa jersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin fil-jiem tal-festa.

Li l-Misidjani huma mistiedna biex jagħtu bukkett fjuri għal quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp, b'mod speċjali l-għaqdiet u l-każini. Dan għandhom jagħmluh is-Sibt, lejliet il-festa, filgħodu.

Biex ma ssirx ħsara lil l-istatwa, bħas-soltu mhux ser jinxtgħel xema żgħir meta tkun barra min-niċċa. Għalhekk il-flus li jingħataw għax-xemgħa jinġabru flimkien u jinxtegħel xemgħa kbir. B'dan il-mod min ikun għamel wegħdi ta' xema' xorta waħda jissodisfa l-wegħda tiegħu u fl-istess ħin nkunu qegħdin nagħmlu ħilitna biex nħarsu l-istatwa mill-ħsara.

Ngħamlu appell lil kulħadd biex ma jinxteħtux kwantitajiet kbar ta' karti fuq l-istatwa. Nafu kemm l-istatwa ta' San Ġużepp hija għal qalb il-Misidjani u hekk qegħdin nistennew li kulħadd jikkopera biex ma ssirx ħsara.

---


**San Gwakkin Press**

PRINTERS & THERMOGRAPHERS

**1, ST. HELEN SQUARE, BIRKIRKARA**



SPUTNIK

**Manufacturers of**

SPUTNIK

**Exercise Books**

TEL: 40484 - 42807


---

*B'Radd - il - Hajr*
*lill-poplu Misidjan*
*ghal-generozita' li dejjem wera',*

NIPPREZENTAW

**LEJLA TA' TALENT MISIDJAN**
**FLIMKIEN MAL-BANDA MELITA**

*Nhar is-Sibt, 19 ta' Lulju 1975 fit-8.00 p.m.*
*Fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali*

Jiehdu sehem fost ohrajn:

**IL-PAGEANT GROUP TAL-PARROCCA**
**IL-GRUPP TAL-KITARRI TAL-PARROCCA**
**GEMMA u PAUL PORTELLI**

**KULHADD HUWA MISTIEDEN**

---


ID-DITTA

**JOSEPH AZZOPARDI**

TA'

62, RUE D'ARGENS, MSIDA

KUNTRATTUR ghal: Tel: 33893

"DAMP PROOF" u

"COURSE LAYING"

taghti l-isbah xewqat lill-MISIDJANI kollha
fl-okkazzjoni tal-Festa ta' San Guzepp 1975


---

# PROGRAMM TAN-NAR

**Il-Hadd 13, Erbgha 16, il-Hamis 17, il-Gimgha 18,** Sparar ta' murtali u musketterija.

**Il-Sibt 19,** filghaxija fit-Transulazzjoni sparar ta' Kaxxa nfernali. Qabel il-loghob tan-Nar, sett Murtali tal-Kulur, u fl-elghluq, Kaxxa nfernali tal-Kulur.

**Il-Hadd nhar il-Festa,** waqt il-hrug ta' l-istatwa, sparar ta' Salut, Kaxxa nfernali Spanjola u musketterija.

Akkumpanjament matul il-purcissjoni kollha b'murtaletti u murtali. Fid-Dhul ta' l-purcissjoni tigi sparata kaxxa nfernali ta' l-Kulur. N.B. N-Nar kollu gie migbur mid-dilettanti tat-sezzjonijiet naha ta' Barra, naha ta' Gewwa u naha ta' l-Ursolini.

Il-Musketterija fuq il-Knisja Parrokkjali u l-Knisja ta' l-Kuncizzjoni saret mill-Kummissjoni Amministrattiva.

---


IRHAM MILL-ISBAH,

IRHAM MILL-AQWA,

IRHAM MILL-IFJEN.

Ejja u ara b'ghajnejk l-assortiment kbira ta' l-irham li nistghu naghmlulek.

**Ghal kull taghrif irrikorru ghand:**

**ANTHONY LAUTIER,**

Tower Road, l-IMSIDA.

Tel: 36931.


---




**scotch whisky in a class of its own**

Learn the secret of centuries,
the taste of pure satisfaction.
The feeling you'll thirst for.
The whisky to ask for.

An education in whisky

**TEACHER'S**
Highland Cream

Enquiries:
229 - 230, St. Paul's Street, Valletta.

# Programm Muzikali Mil-Banda
# MELITA TA' L-IMSIDA

**Fuq z-zuntier ta' l-Knisja Parrokkjali, San Guzepp, nhar s-Sibt 19 ta' Lulju. 1975 taht it-tmexxija tas-Surmast Mro. Ph. Gatt F.L.C.M., A.R.C.M.**

**Innu tal-Papa**
**Innu Popolari "San Guzepp"**

| | | |
|---|---|---|
| **Parade of the Charioteers (Benhur)** | | |
| | Grand March | **M. Rozsa.** |
| **Sound of Music** | Selection | **R. Rodgers** |
| **Blue Danube** | Valzer | **J. Strauss** |
| **South Pacific** | Selection | **R. Rodgers** |
| **Village Fiesta** | Fantasia | **Ph. Gatt** |

**Innu tal-Banda Melita**
**Innu Malti**

---

**Se jindaqqu sett marci godda fil-marc popolari tal-Gimgha. Il-marci se Jkun mxandra minn fuq r-Rediffusion, il-Hadd, nhar il-festa**

---

# Programm Strumentali li se jindaqq mill-Banda
# KONTI RUGGIERU tar-RABAT

*fuq z-zuntier tal-Knisja nhar il-Hadd 20 ta' Lulju 1975*
taht it-tmexxija tas-Surmast JOE VELLA B.Mus. F.L.C.M.

| | | |
|---|---|---|
| **1. Marcia Sinfonica** | 'Malta' | **V. Ciappara** |
| **2. Suite** | 'Scene Pittoresche' | **V. Massinet** |
| **3. Sinfonija** | 'Il Barbiere di Sivilgia' | **G. Rossini** |
| **4. Fantasija** | 'La Wally' | **H. Catalani** |
| **5. INNU NAZZJONALI.** | | |

**GHALL-BEJGH BI PREZZIJIET IRAHS**

Bicciet ta' Art bil-Permess ghall-Bini, fil-limiti ta' HAL LIJA BIRKIRKARA, KAPPARA, BAHAR IC-CAGHAQ, MADLIENA, IL-MAGHTAB U L-IMSIDA, kif ukoll Djar kompluti minn kollox, jew saqaf u gebel biss u Flats.

**Investu fluskom tajjeb**

Irrikorru ghand:

JOHN C. MICALLEF

**163, MARINA WHARF, PIETA'.**

CEMPLU: 21835 - 36620 - 43935

**u tohorgu sodisfatti zgur.**

**JVC**

offers the most reliable indestructive 14" TV set Model 3510 for your enjoyment. More likely than not, your relative, friend or neighbour has one!
Ask them, not us.

Enquiries: **DAI TRADING AGENCY** - *Msida, Malta*
**ESTILO** - *South Street, Valletta.*
**NIVICO** - *Zachary Street, Valletta.*
**SONY** - *Merchants Street, Valletta.*

# Mid-Djarju Tal-Parrocca: Lulju 1974 - Gunju 1975



**14 ta' Lulju:**
Wasla triunfali ta' l-istatwa ta' San Guzepp l-Imsida, wara li din giet rinovata fil-Belt. Inkixfet ukoll lapida fis-sagristija, b'tifkira tal-fundatur tal-Knisja Mons. Frangesco Falzon Debono.

**16 ta' Lulju:**
Saret il-vestizzjoni Solenni tal Abbatini tal-Parrocca.

**21 ta' Lulju** L-Imsida tfakkar il-Patrun taghha San Guzepp. Bhas-soltu, dimostrazzjoni kbira wasslet l-istatwa sal-knisja fejn il-festa ghalqet b'celebrazzjoni Ewkaristika.

**16 ta' Settembru** L-Abbati Benedittin u Misidjan Don Angelo Mifsud, li hu wkoll president tal-Abatini Benedittini Taljani, qaddes f'jum il-Festa liturgika ta' Marija Addolorata.

**23 ta' Settembru** Koncelebrazzjoni Solenni b'Tifkira ta' Mons. Isqof E. Galea li miet fl-20 ta' Awwissu. 1974

**6 ta' Ottubru** Festa ta' l-Madonna tar-Ruzarju. Il-purcissjoni sfrattat minhabba il-maltemp

**24 ta' Dicembru** Mijiet ta' nies hadu sehem fil-funzjonijiet ta' lejliet il-Milied Nhadem Pageant bibliku miz-zghazagh tal-Parrocca. Saret ukoll il-purcissjoni tal-Bambin mit-tfal tal-Muzew li fiha hadet sehem ukoll il-Banda Melita

**30 ta' Dicembru** Kuncert ta' l-Milied fil-Knisja Parrokkjali. Barra r-ripetizzjoni tal-Pageant, hadu sehem il-kor tal-parrocca ta' San Girgor, il-grupp ta' kitarri, u wkoll il-Kor parrokkjali.

**19 ta' Marzu** Festa liturgika ta' San Guzepp. Barra l-funzjonijiet solenni, l-ghaqdiet tal-parrocca offrew fjuri ghal-quddiem l-istatwa, hadet sehem il-Banda tas-Salezjani. Gew imzanzna sett kandlieri argentati mill-gdid, rigal ta' Benefattur.

**23-30 ta, Marzu** Funzjonijiet liturgici tal-Gimgha Mqaddsa. Ghall tlett darbiet, iz-zghazagh ta' L-Imsida "Pageant Group" hadmu dramm sagru bl-isem ta 'L-ikbar grajja li qatt inkitbet' ta' Anthony Piscopo.

**28 ta' Marzu** Filghodu, Mons. Archisqof zar il-parrocca biex jaghmel wahda mill-vizti tas-seba knejjes.

**18 ta' Mejju** Fuq z-zuntier tpogga ghall-wirja il-Materjal Kollu li ser jintuza fuq il-koppla

**22-29 ta' Mejju** Ghall-ewwel darba giet organizzata Gimgha Ewkaristika li ghalqet bis-sehem ta' l-E.T. Mons. Isqof Guzeppi Mercieca fil-festa ta' Corpus Domini u bil-purcissjoni mmexxija minnu stess

**20 u 21 ta' Gunju** L-Imsida Pageant Group organizza "Cents Stunt" b'risq il-Koppla

# IX-XOGHOL TA' L-KOPPLA



Ftit jiem qabel il-festa ta' San Guzepp s-sena l-ohra konna ghidna li behsiebna nibdew nahsbu biex jinbeda x-xoghol fuq il-koppla u hekk jkollna l-knisja kompita mill-pittura. Qabel ma jsiru xogholijiet fuq gewwa, ta' bilfors li wiehed jkollu jara xi hsara kienet tezisti fuq barra Bil-ghajnuna tal-Perit Louis Naudi ahna ghamilna studju serju ta' xi kwalita ta' materjal kellu jintuza. Saru diversi provi, u wara li anke gibna 'Samples' ta' zebgha specjali minn barra, iddecidejna li nibdew x-xoghol. Ix-xoghol beda fit-28 ta' April u, kif wiehed seta jara, l-koppla giet kompletament imnadfa u mizbugha b'din z-zebgha li kienet esposta u murija lill kulhadd fuq z-zuntier nhar tl-Hadd 18 ta' Mejju. Kellna ukoll nirrangaw t-twieqi kollha u hassejna li kellna ukoll nibdlu il-hgieg ma wiehed iktar ohxon u b'sahhtu. Wiehed mill-ghedewwa ta' dan x-xoghol li qed naghmlu huwa t-twahhil ta' l-imsiemer u ghalhekk iddecidejna li nahsbu wkoll ghal-dawl permamenti. Dan ix-xoghol qieghed jitpogga f'postu minn nies delettanti u qalbiena mill-Imsida Nisperaw il ghal din is-sena ahna nlestu l-ewwel fazi ta' l-progett. It-tieni fazi hija l-iskultura minn gewwa u wkoll ix-xoghol ta' tikhil u zebgha. It-tielet fazi tkun l-induratura u fl-ahhar fazi il-pittura. Diga avvicinajna lill Professur Emvin Cremona biex jaghmel l-abbozzi ta' l-pittura li, kif jkunu lesti, nisponuhom ghas-sodisfazzjon ta' kulhadd. Nafu li din hija opra mixtieqa u li ser tiswa l-eluf ta l-liri. Ghal-dan il-ghan, waqqafna kummissjoni ghal-Fund raising li ser torganizza attivitajiet biex jingabru xi ftit mil-fondi. Ahna qalbna qawwija li l-Misidjani kollha, anke dawk imsiefra, jixtiequ li jkollhom sehem minn din l-opra li ser tkun il-kuruna li tghaqqad x-xoghol kollu li sar sa issa fil-knisja. J'Alla San Guzepp jghina u jqanqal qlub generuzi biex din l-opra narawha lesta bla dewmien.

# PANTA LESCO LTD.

**ELECTRICAL and MECHANICAL**
**ENGINEERS and CONTRACTORS**

AGENTS FOR

HAWKER SIDDELEY ELECTRIC
EXPORT LTD.
(All Electrical Equipment)
(Crompton Parkinson)

NEIL AND SPENCER LTD.
(Laundry and Drycleaning Equipment)

SIMPLEX - SWITCH GEAR
AVERY EXPORT LTD.
(Weighing Machines)

FEDERAL ELECTRIC LTD.
(M.C.B. Boards and Equipment)

ALLEN YGNIS BOILERS LTD.

**PANTA HOUSE,**
**VALLEY ROAD, MSIDA.**
**Tel: 41361**

Wasalt biex Tizzeweg ?

Hsibt ghall-Karozza tat-Tieg ?

MELA MUR GHAND:

# JOHN'S GARAGE




25, TRIQ ID-DUKA TA' YORK,
U 23, TRIQ VILLAMBROSA, **HAMRUN.** Tel: 28745

HAWN GHANDEK ISSIB ROLLS ROYCE, BENTLEY, U NUMRU TA' MERCEDES MODERNI B'SERVIZZ 'FIRST CLASS' GHAL KULL OKKAZJONI BI **PREZZIJIET L-AKTAR MODERATI.**



maħrug mill-Kummissjoni Amministrattiva
Parrocca San Guzepp — Msida

Stamperija San Ġwakkin B'Kara.